# Il-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana



Minn Chev. Mario Coleiro OSJ

L-Ordni tal-Patrijiet Kapuċċini jaf il-bidu tiegħu ġewwa Malta fl-1588 meta l-Gran Mastru Verdalle ried li jġib dawn il-Patrijiet hawn Malta. L-iskop ewlieni kien dak li dawn ikunu ta' għajnuna u direzzjoni spiritwali lill-Kavallieri.

Verdalle għalhekk ħaseb biex anke jibni l-Knisja u l-Kunvent fejn huma llum. Fil-Kostituzzjoni Franġiskana hemm stipulat li l-ebda bini tagħhom ma seta' jkun fl-ibliet jew f'xi qalba tar-raħal. Għalhekk kien magħżul dan il-post biex inbena barra s-swar tal-Belt Valletta fejn illum insibu l-Furjana. Dak iż-żmien din l-għolja kienet tibda mis-swar tal-Belt Valletta u għalhekk kienet iżolata mhux ħażin mill-kumplament tal-bini.

Il-bini tal-Kunvent u tal-Knisja beda miexi ġmielu u l-Gran Mastru ħadem kemm felaħ biex dan ikun lest. Ħaġa interessanti hija li f'dan il-kunvent insibu li l-Gran Mastru kellu l-appartamenti tiegħu personali. Dawn inbnew mal-bini tal-kunvent biex il-Gran Mastru kien seta' jmur għall-irtir fis-skiet. Nistgħu ngħidu li kienet epoka fejn f'dan is-sit kellek Patrijiet ġejjin minn ħafna pajjiżi differenti bħall-Ġermanja, l-Awstrija, Franza, Spanja u oħrajn. Dawn kienu jiġu Malta biex jagħtu għajnuna lill-Kavallieri li wkoll kienu ġejjin minn ħafna pajjiżi differenti u li kollha kienu membri rispettivament fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann.



Magħhom dawn il-Patrijiet kienu jġibu diversi oġġetti kif ukoll ċerti kotba li dawn baqgħu hawnhekk sal-lum. Għalhekk bil-mod il-mod bdiet tinbena l-Bibljoteka li nsibu miżmuma b'tant għożża llum f'dan il-bini sempliċi iżda daqstant ieħor maestuż fl-aktar żona mistura tal-Furjana. Minn żmien għal żmien ma naqsux ukoll diversi għotjiet li taw il-Kavallieri lill-Knisja bħala apprezzament, fosthom pitturi, paramenti sagri, kotba, ornamenti, kalċijiet u rigali oħra li komplew żejnu din il-knisja.

Kif diġà għedna, dak iż-żmien is-swar tal-Furjana kienu għadhom ma nbnewx u għalhekk din kienet għadha xaqliba pjuttost maqtugħa u l-knisja bil-kunvent kien l-uniku bini 'l barra mis-swar tal-Belt. Dan spiċċa kollu meta fi żmien il-Gran Mastru De Paule xterdet ix-xniegħa li l-Imperu Ottoman kien qiegħed jippjana biex jerġa' jagħti kolp lil Malta. Għalhekk il-Gran Mastru stieden lill-inginier militari Pietro Paolo Floriani biex jiġi Malta u jinvestiga s-sitwazzjoni tal-fortizzi Maltin.

Floriani ħareġ bil-proposta li biex il-Belt tkun sikura kellha tinbena katina ġdida ta' swar li ddawwar il-pjanura ta' quddiem il-Belt. Dan kien ifisser li l-kunvent tal-Kapuċċini kien ser jispiċċa 'l ġewwa mis-swar. Din il-ħaġa ma għoġbitx lill-Patrijiet u dawn min-naħa tagħhom ipprotestaw mal-Gran Mastru. Ta' min jgħid li s-swar li nsibu fuq wara u fil-madwar tal-Kunvent kienu nbnew madwar 50 sena wara dak li kien miftiehem mal-Gran Mastru Verdala. Minkejja l-ħafna protesti tal-patrijiet dawn ma swew għalxejn għax ix-xogħol baqa' għaddej u s-swar effettivament saru xorta waħda.

Il-bini tas-swar beda fi żmien il-Gran Mastru De Paule tkompla mis-suċċessur tiegħu l-Gran Mastru Lascaris u warajh De Redin. Fil-ftit żmien tal-Gran Mastri Annett Clement de Cessan

u Raffaele Cottoner ftit li xejn sar xogħol fuq it-tkomplija ta' dawn is-swar. Meta fl-1663 laħaq il-Gran Mastru Nikola Cottoner biddel il-ħsieb u dawwar ħarstu lejn it-tlett ibliet.

Hekk naraw li nbeda l-proġett tas-swar tal-Kottonera. Dan il-proġett kien ħafna ikbar minn dak li kien finanzjarjament possibbli għall-kaxxa tal-Ordni. Fil-fatt jingħad li biex inbnew is-swar tal-Kottonera l-Ordni kważi falla. Kien għalhekk li malli miet il-Gran Mastru Cottoner twaqqaf minkejja li kien jonqsu xi xogħol ieħor biex ikun lest.

Is-suċċessur ta' Cottoner, il-Gran Mastru Caraffa u dak ta' warajh Adriean de Wignacourt komplew is-swar tal-Furjana biex fl-aħħar kellu jkun il-Gran Mastru Perellos li kkonkluda dan il-proġett bil-bini tal-Bieb tal-Bombi fis-sena 1721. Issa li s-swar kienu lesti l-Floriana bdiet tissawwar bin-nies u l-bini. Il-Gran Mastru Vilhena ried li din l-art tibda tissejjaħ Borgo Vilhena imma donnu li kunjom l-arkitett tas-swar tagħha kien iktar popolari u għalhekk in-nies baqgħet issejħilha Floriana.

Biex il-patrijiet ikollom kumpens talli l-kunvent tagħhom kien spiċċa inkorporat fis-swar, il-Gran Mastru kien tahom is-servizz tal-ilma b'xejn mill-akwedott li kien bena 100 sena qabel il-Gran Mastru Alof de Wignacourt. Għalhekk il-kunvent kien eżentat minn kull forma ta' ħlas għal dan is-servizz. Minkejja li l-bini tela' ġmielu fil-Floriana donnu xorta kien intenzjonat li fil-viċinanzi tal-kunvent tal-Kapuċċini ma jitlax daqshekk bini għalhekk dan il-kunvent donnu xorta baqa' xi ftit iżolat u din ix-xaqliba donnu baqgħet biss għall-patrijiet biex jgħixu fil-kwiet.

Sfortunatament, fl-aħħar Gwerra Dinjija, eżattament 74 sena ilu, il-Knisja u l-Kunvent ġarrbu ħsarat kbar tant li ntilfu fost l-isbaħ oġġetti prestiġġjużi li kienu jżejnu lil dan il-post. Għalhekk wara l-gwerra, il-knisja u partijiet kbar mill-kunvent reġgħu nbnew mill-ġdid.

Madame Eloise

*Unisex Hair Salon - By Louise*
*Tel: 27284568 Mob: 7988 8985*
*75, Gunlayer Street, Ħamrun*
*Email: madame_eloise@hotmail.com*






# Franco A. Davies
BSc(Hons), Dip ITEC, SRP, MA(melit)

*Physiotherapist*
Mob: 7970 8712

**Cosmed Pharmacy**
Villambrosa Street, Ħamrun
Tel: 2122 5991, 2124 6979
Email: davies@maltanet.net